

31999L0102

28.12.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 334/43

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/102/KE  
tal-15 ta' Diċembru 1999**

**li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE li tirrigwarda miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja mill-emissjonijiet minn vetturi bil-mutur**

(Test b'rilevanza ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ta' l-20 ta' Marzu 1970 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja mill-emissjonijiet tal-vetturi bil-mutur <sup>(1)</sup>, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 98/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 70/220/KEE hija waħda mid-direttivi separati taħt il-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip preskritta mid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom <sup>(3)</sup>, kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>.
- (2) Id-Direttiva 70/220/KEE tippreskrivi l-ispeċifikazzjonijiet għall-ittejtjar ta' emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur li jaqgħu fi ħdan il-għan tagħha. Fid-dawl ta' l-esperjenza reċenti miksuba u l-iżvilupp mgħaġġel ta' sistemi djanjostiċi abbord (OBD) ta' l-iprem kwalità, huwa xieraq li wieħed jadotta dawn l-ispeċifikazzjonijiet skond il-ħtieġa b'effett mid-dati speċifikati fid-Direttiva 98/69/KE.
- (3) Jeħtieġ li jiċċaraw ruħhom id-dati ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' l-OBD ta' din id-Direttiva għal tipi ġodda u kull tip ta' vettura tal-kategorija M1 attrezzati b'magni *compression-ignition* u li l-massa massima tagħhom taqbeż l-2 500 kg u għal vetturi fil-kategorija N<sub>1</sub> klassijiet II u III.
- (4) Huwa xieraq li jiċċaraw ruħhom ir-rekwiżiti OBD fir-rigward ta' prevenzjoni ta' tbaġħbis, l-inabilitazzjoni tal-monitoraġġ ta' magna li tkun qed taħdem ħażin matul ċerti kondizzjonijiet ta' tħaddim, iż-żamma ta' distanza magħmula mill-vettura filwaqt li xi difett jintwera lis-sewwieq permezz ta' indikatur tad-difett, il-ħila tas-sistema OBD li twettaq kontroll loġiku bi-direzzjonali, l-użu tas-settijiet ta' ISO 15031-6 ta' kodiċi ta' difetti P1 u P0, il-konnettur djanjostiku u li tisser il-limiti ta' OBD sa żewġ punti deċimali. Huwa xieraq li jkun introdotti dispożizzjonijiet riveduti għal monitoraġġ tal-*misfire* taħt kondizzjonijiet li x'aktarx iġibu ħsara fil-katalist biex titnaqqas il-possibbiltà

ta' xi indikazzjonijiet foloz ta' xi difetti u biex iddaħħal il-possibbiltà ta' monitoraġġ parzjali ta' volum ta' katalist u l-użu tar-rabta ta' komunikazzjoni intensifikata minn ġewwa għal barra l-vettura minn-network tal-kontrullur taż-żona (CAN).

- (5) Huwa xieraq li titħalla l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi b'sistemi ta' OBD li jkun fihom numru limitat ta' nuqqasijiet żgħar li jstgħu jinjalghu matul, jew qabel il-ħin ta' l-approvazzjoni tat-tip jew li jinstabu meta l-vetturi huma diġa fl-użu. L-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip tista' wkoll toħroġ tiġdid taċ-ċertifikazzjoni ta' approvazzjoni tat-tip għal vetturi li diġa ġew approvati għat-tip f'każijiet fejn in-nuqqasijiet jinstabu aktar tard fi ħdan is-sistema OBD fuq vetturi fl-użu. Tiġdid bħal dan ma jstax jinħareġ jekk hemm nuqqas sħiħ ta' ħila ta' monitoraġġ. Għandu jiġi speċifikat perijodu li fih xi nuqqasijiet awtorizzati mill-awtorità għandhom jitranġaw fuq vetturi prodotti fil-ġejjieni.
- (6) Il-miżuri li għalihom hemm dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku stabbilit mid-Direttiva 70/156/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Annessi I, VI, X u XI tad-Direttiva 70/220/KEE huma hawn emendati b'mod konformi ma' l-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1999. Għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni ta' dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu flimkien ma' referenza bħal din fiż-żmien tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jstabbilixxu kif trid issir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bit-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠU L 76, tas-6.4.1970, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 350, tat-28.12.1998, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 11, tas-16.1.1999, p. 25.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tibda sseħħ fit-tielet jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-15 ta' Diċembru 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Erkki LIIKANEN

*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

## EMENDI GĦALL-ANNESSI I, VI, X U XI TAD-DIRETTIVA 70/220/KEE

## A. Anness I huwa emendat kif ġej:

## 1. Is-Sezzjoni 5.1.4.1 hija mibdula b'dan li ġej:

"5.1.4.1. Kull vettura b'kompjuter ta' kontroll ta' emissjoni għandha jkollha karatteristiċi li jiskoraġġixxu tibdil, ħlief dak awtorizzat mill-fabbrikant. Il-fabbrikant għandu jawtorizza tibdil jekk dan it-tibdil ikun meħtieġ għad-djanjosi, s-servis, l-ispezzjoni, xi twaħħil ta' wara jew tiswijja tal-vettura. Kull kodiċi riprogrammabbli tal-kompjuter jew parametru ta' tħaddim għandu jkun reżistenti għat-tbagħbis u jiflaħ livell ta' protezzjoni tajjeb ta' l-inqas daqs id-dispożizzjonijiet f'ISO DIS 15031-7; datat Ottubru 1998 (SAE J2186 datat Ottubru 1996) iżda l-iskambju ta' sigurtà għandu jsir bl-użu tal-Protokoll u l-konnekter djanjostiku kif hemm preskritt fis-Sezzjoni 6.5 ta' Anness XI, Appendiċi I. Kull ċippa kalibrata ta' memorja li tinqala għandha tiġi *potted*, magħluqa f'kontenitur issiġillat jew protett minn algoritmi elettroniċi u m'għandix tkun tista' tinbidel mingħajr l-użu ta' għodda u proċeduri speċjalizzati."

## 2. Is-Sezzjoni 5.1.4.5 hija mibdula b'dan li ġej:

"5.1.4.5. Fabbrikant li juża sistemi ta' kodiċi programmabbli ta' kompjuter (p.eż. memorja elektronika *read-only* programmabbli u li tista' titħassar, EEPROM) għandu jiskoraġġixxi r-riprogrammar mhux awtorizzat. Il-fabbrikant għandu jinkludi strateġiji għolja ta' protezzjoni kontra t-tbagħbis u karatteristiċi *write protect* li jeħtieġu aċċess elektroniku f'komputer *off site* miżmum mill-fabbrikant. Il-metodi li jagħtu livell xieraq ta' protezzjoni kontra t-tbagħbis jiġu approvati mill-awtorità."

## 3. Is-Sezzjonijiet 8.1, 8.2, 8.3 u 8.4 huma mibdula b'dan li ġej:

"8.1. **Vetturi b'magni positive ignition**

B'effett mill-1 ta' Jannar 2000 għat-tipi ġodda u mill-1 ta' Jannar 2001 għat-tipi kollha, il-vetturi tal-kategorija M<sub>1</sub>, ħlief vetturi li l-massa massima tagħhom taqbeż 2 500 kg, u l-vetturi tal-kategorija N<sub>1</sub> klassi I, għandhom jkollhom fuqhom sistema (OBD) għall-kontroll ta' l-emissjonijiet skond Anness XI.

B'effett mill-1 ta' Jannar 2001 għat-tipi ġodda u mill-1 ta' Jannar 2002 għat-tipi kollha, il-vetturi tal-kategorija N<sub>1</sub> klassijiet II u III u l-vetturi tal-kategorija M<sub>1</sub>, li l-massa massima tagħhom taqbeż 2 500 kg, għandhom ikollhom fuqhom sistema OBD għall-kontroll ta' l-emissjonijiet skond Anness XI.

8.2. **Vetturi b'magni positive ignition**

Vetturi ta' kategorija M<sub>1</sub>, ħlief

— vetturi ddisinjati biex iġorru aktar minn sitt persuni inkluż is-sewwieq,

— vetturi li l-massa massima tagħhom taqbeż 2 500 kg,

mill-1 ta' Jannar 2003 għal tipi ġodda u mill-1 ta' Jannar 2004 għat-tipi kollha, għandhom ikunu attrezzati b'sistema djanjostika abbord (OBD) għall-kontroll ta' l-emissjoni skond Anness XI.

Fejn tipi ġodda ta' vetturi b'magna *compression ignition* deklin fis-servizz qabel din id-data huma attrezzati b'sistema OBD, id-dispożizzjonijiet tas-sezzjonijiet 6.5.3 sa 6.5.3.6 ta' Anness XI, Appendiċi I, huma applikabbli.

8.3. **Vetturi b'magni compression ignition eżenti minn Sezzjoni 8.2**

B'effett mill-1 ta' Jannar 2005 għal tipi ġodda u mill-1 ta' Jannar 2006 għat-tipi kollha, l-vetturi tal-kategorija M1 eżenti mis-Sezzjoni 8.2, ħlief vetturi ta' kategorija M1 attrezzati b'magni *compression ignition* u li l-massa massima tagħhom taqbeż 2500 kg, u l-vetturi fil-kategorija N1 klassi I attrezzati b'magni *compression ignition*, għandhom jkollhom fuqhom sistema (OBD) għall-kontroll ta' l-emissjonijiet skond Anness XI.

B'effett mill-1 ta' Jannar 2006 għal tipi ġodda u mill-1 ta' Jannar 2007 għat-tipi kollha, il-vetturi fil-kategorija N<sub>1</sub>, klassijiet II u III attrezzati b'magni *compression ignition* u vetturi ta' kategorija M<sub>1</sub> attrezzati b'magni *compression ignition* u li l-massa massima tagħhom taqbeż 2 500 kg, għandhom ikollhom fuqhom sistemi (OBD) għall-kontroll ta' l-emissjonijiet skond Anness XI.

Fejn tipi ġodda ta' vetturi b'magna b'*compression-ignition* deħlin fis-servizz qabel id-dati murija f'din is-sezzjoni huma attrezzati b'sistema OBD, id-dispożizzjonijiet tas-Sezzjonijiet 6.5.3 sa 6.5.3.6 ta' Anness XI, Appendiċi I, huma applikabbli.

#### 8.4. Vetturi ta' kategoriji oħra

Vetturi ta' kategoriji oħra jew vetturi tal-kategorija M<sub>1</sub> u N<sub>1</sub> mhux koperti minn 8.1, 8.2 jew 8.3, jistgħu jiġu attrezzati b'sistema OBD. F'dan il-każ, is-Sezzjonijiet 6.5.3 sa 6.5.3.6 ta' Anness XI, Appendiċi 1 huma applikabbli."

- B. F'Anness VI, it-tabella fl-Appendiċi 2 bit-titolu "Profil tat-temperatura ambjentali matul il-jum għall-kalibratura ta' l-għeluq u t-test ta' emissjoni matul il-jum" hija mibdula b'dan li ġej:

#### "Profil tat-temperatura ambjentali matul il-jum għall-kalibratura ta' l-għeluq u t-test ta' emissjoni matul il-jum

Ħin (siegħat)		Temperatura (°C)
Calibration	Test	
13	0/24	20
14	1	20,2
15	2	20,5
16	3	21,2
17	4	23,1
18	5	25,1
19	6	27,2
20	7	29,8
21	8	31,8
22	9	33,3
23	10	34,4
24/0	11	35
1	12	34,7
2	13	33,8
3	14	32
4	15	30
5	16	28,4
6	17	26,9
7	18	25,2
8	19	24
9	20	23
10	21	22
11	22	20,8
12	23	20,2"

- Ċ. Anness X huwa emendat kif ġej:

1. It-tabella f'Sezzjoni 1.8 hija mibdula b'dan li ġej:

Tip 1	CO (g/km)	THC (³) (g/km)	NO <sub>x</sub> (g/km)	THC + NO <sub>2</sub> (²) (g/km)	Partiċelli (²) (g/km)
Mkejjel					
bid-DF					

- 2. Sezzjonijiet 1.8.1 sa 1.8.5 huma rinumerati bħala 1.8.2 sa 1.8.6.
  - 3. In-nota f'qiegħ paġna 4 fis-Sezzjonijiet 1.8.3.1 sa 1.8.3.4 hija rinumerata bhann-nota f'qiegħ paġna 3. In-nota f'qiegħ paġna 5 fis-Sezzjonijiet 1.8.3.5 sa 1.8.3.8 hija rinumerata bhann-nota f'qiegħ paġna 2.
- In-noti f'qiegħ paġni 4 u 5 jitħassru.

D. Anness XI huwa emendat kif ġej:

- 1. Fil-verżjoni ingliża, s- Sezzjoni 2.19 tiżdid kif ġej:
 

“2.19. ‘Tagħrif ta’ tiswija’ tfisser it-tagħrif kollu mehtiegħ għal djanjosi, servis, ispezzjoni, monitoraġġ per-jodiku jew tiswija tal-vettura u li l-fabbrikanti jipprovdu lill-aġenti awtorizzati/ħwienet tat-tiswija. Fejn jinhtiegħ, tagħrif bħal dan għandu jinkludi kotba tas-servis, manwali tekniċi, tagħrif djanjostiku (p.eż. il-valuri minimi u massimi teoretiċi għal kejl), djagrammi tal-wajers, in-numru ta’ identifikazzjoni ta’ kalibratura tas-*software* applikabbli għal xi tip ta’ vettura, istruzzjonijiet f’każijiet individwali u speċjali, tagħrif ipprovdu li jirrigwarda għodda u attrezzatura, tagħrif ta’ rikordjar ta’ *data* u *data* tat-testijiet u monitoraġġ bi-direzzjonali. Il-fabbrikant m’għandux ikun obbligat jagħmel disponibbli t-tagħrif kopert minn drittijiet ta’ propjetà intellettuali jew li jikkostitwixxi xi għerf f’operat speċifiku tal-fabbrikant u/jew il-fornituri OEM; f’dan il-każ it-tagħrif tekniċu mehtiegħ m’għandux jinżamm b’mod mhux xieraq.”
- 2. Dan il-paragrafu jirrigwarda biss il-verżjoni Portugiża.
- 3. Tiżdid is-sezzjoni 2.20 kif ġej:
 

“2.20 ‘*Nuqqas*’ ifisser, fir-rigward ta’ sistemi OBD ta’ vettura, li sa żewġ komponenti separati jew sistemi li jkunu monitorjati għandhom karatteristiċi temporanji jew permanenti ta’ tħaddim li jfixklu l-monitoraġġ OBD normalment effiċjenti ta’ dawk il-komponenti jew sistemi jew li ma jħarsux il-kumpliment tar-rekwiżiti dettaljati għad-OBD. Il-vetturi jistgħu jiġu approvati għat-tip, reġistrati u mibjugħa b’nuqqasijiet bħal dawn skond ir-rekwiżiti tas-Sezzjoni 4 ta’ dan l-Anness.”
- 4. Is-Sezzjoni 3.1.1 hija mibdula b’dan li ġej:
 

“3.1.1. L-aċċess fis-sistema OBD mehtiegħ għall-ispezzjoni, djanjosi, servis jew tiswija tal-vettura għandu jkun mingħajr xkiel u standardizzat. Il-kodiċi tan-nuqqasijiet marbuta ma’ l-emissjonijiet għandhom ikunu konsistenti ma’ Sezzjoni 6.5.3.4 ta’ Appendiċi 1 ta’ dan l-Anness.”
- 5. Is-Sezzjoni 3.2.2.2 hija mibdula b’dan li ġej:
 

“3.2.2.2. Meta xi fabbrikant jista’ jipprova lill-awtorità li r-rilevament ta’ livelli oġhla ta’ perċentwali ta’ *misfire* mhix possibbli, jew li l-*misfire* ma jistax jintgħażel minn effetti oħra (p.eż. toroq ħżiena, xif-tijiet fit-*transmission*, startjar tal-magna ta’ wara; eċċ) is-sistema ta’ monitoraġġ ta’ *misfire* tista tit-neħħa meta jkun hemm kondizzjonijiet bħal dawn.”
- 6. Is-Sezzjoni 3.3.2 u t-tabella huma mibdula b’dan li ġej:
 

“3.3.2. Is-sistema OBD trid turi n-nuqqas ta’ xi komponent jew sistema marbuta ma’ l-emissjonijiet meta n-nuqqas jispiċċa jaqbeż il-limiti murija hawn taħt:

		Massa ta’ riferenza (RW) (kg)	Massa ta’ carbon monoxide		Massa totali ta’ hydrocarbons		Massa ta’ ossidi ta’ nitroġenu		Massa ta’ partikuli (1)
			KategorijaKlassi(CO) L <sub>1</sub> (g/km)		(THC) L <sub>2</sub> (g/km)	(NO <sub>x</sub> ) L <sub>3</sub> (g/km)	(PM) L <sub>4</sub> (g/km)		
Petrol	Diesel		Petrol	Diesel	Petrol	Diesel			Diesel
M (2) (4)	-	kollha	3,20	3,20	0,40	0,40	0,60	1,20	0,18
N <sub>1</sub> (3) (4)	I	RW ≤ 1305	3,20	3,20	0,40	0,40	0,60	1,20	0,18
	II	1305 < RW ≤ 1760	5,80	4,00	0,50	0,50	0,70	1,60	0,23
	III	1760 < RW	7,30	4,80	0,60	0,60	0,80	1,90	0,28

(1) Għal magni b’compression ignition.  
 (2) Barra minn vetturi b’massa massima li ma teċċedix 2 500 kg.  
 (3) U dawk il-vetturi ta’ kategorija M li huma speċifikati fin-nota 2.  
 (4) Il-proposta tal-Kummissjoni msejja fl-Artikolu 3(1) ta’ din id-Direttiva għandu jkollha valuri limiti *threshold* għal OBD għal 2005/6 għal vetturi M<sub>1</sub> u N<sub>1</sub>.”

7. Is-Sezzjoni 3.3.3.1 hija mibdula b’dan li ġej:

“3.3.3.1. Tnaqqis fl-effiċjenza tal-*converter* katalitiku fir-rigward ta’ l-emissjonijiet ta’ HC biss. Il-fabbrikant jista’ jimmonitorja l-katalist ta’ quddiem waħdu jew flimkien mal-katalist(i) li jmiss(u) l-isfel. Kull katalist jew għaqda ta’ katalisti monitorjat għandu jiġi kkunsidrat bħala li qed jaħdem ħażin meta l-emissjonijiet jaqbeż l-għadba HC murija fit-tabella fis-Sezzjoni 3.3.2;”

8. Is-Sezzjoni 3.3.3.5 hija mibdula b'dan li ġej:
- “3.3.3.5. Kemm-il darba monitorjat mod ieħor, kull komponent tal-*powertrain* marbut ma' l-emissjonijiet mwaħħal ma kompjuter, inklużi xi *sensors* rilevanti li jippermettu li jitwettqu funzjonijiet ta' monitoraġġ, għandu jiġi monitorjat għall-kontinwità tas-ċirkuwitu.”
9. Is-Sezzjoni 3.3.4.5 hija mibdula b'dan li ġej:
- “3.3.4.5. Kemm-il darba monitorjat mod ieħor, kull komponent tal-*powertrain* marbut ma' l-emissjonijiet mwaħħal ma' kompjuter għandu jiġi monitorjat għall-kontinwità taċ-ċirkuwitu.”
10. Is-Sezzjoni 3.6.1 hija mibdula b'dan li ġej:
- “3.6.1. Id-distanza magħmula mill-vettura waqt li  $M_1$  hija attivata għandha tkun disponibbli f'kull ħin permezz tas-*serial port* fuq l-*standard link connector* (?).
- (2) Dan ir-rekwiżit huwa applikabbli biss mill-1 ta' Jannar 2003 għal tipi ġodda ta' vettura b' *input* ta' veloċità elettronika għall-immaneġġjar tal-magna. Japplika għat-tipi ġodda kollha ta' vetturi deħlin fis-servizz mill-1 ta' Jannar 2005.”
11. Is-Sezzjoni 3.7.1 hija mibdula b'dan li ġej:
- “3.7.1. Jekk il-*misfire* flivelli li x'aktarx iġibu ħsara lill-katalist (kif speċifikat mill-fabbrikant) ma jibqax aktar preżenti, jew jekk il-maġna tiġi mħaddma wara tibdil fil-veloċità u kondizzjonijiet ta' tagħbija fejn il-livelli ta' *misfire* ma jagħmlux ħsara lill-katalist, l- $M_1$  jista' jerġa jiġi mibdul lura lejn l-*istat* ta' qabel ta' attivazzjoni matul l-ewwel ċiklu ta' sewqan li fuqu nħass il-livell ta' *misfire* u jista' jerġa jiġi mibdul lejn il-mod normali ta' attivazzjoni fiċ-ċikli ta' sewqan sussegwenti. Jekk l- $M_1$  jiġi mibdul lura lejn l-*istat* preċedenti ta' attivazzjoni, il-kodiċi korrispondenti ta' difetti u l-kondizzjonijiet ta' *freeze-frame* jistgħu jitħassru.”
12. Tiżdied sezzjoni 4 kif ġej:
- “4. **Rekwiżiti li jirrigwardaw l-approvazzjoni tat-tip ta' sistemi djanjostiċi abbord**
- 4.1. Fabbrikant jista' jitlob lill-awtorità li xi sistema OBD tiġi aċċettata għall-approvazzjoni tat-tip anki jekk is-sistema jkun fiha xi nuqqas jew aktar b'mod illi r-rekwiżiti speċifiċi ta' dan l-Anness ma jitħarsux fis-sħiħ.
- 4.2. Filwaqt li tqis it-talba, l-awtorità għandha tistabbilixxi jekk il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness hiex inattwabbli jew irraġonevoli.
- L'awtorità għandha tqis it-tagħrif tal-fabbrikant li jagħti dettalji fuq kwistjonijiet bħal, iżda mhux limitati għal, attwabilità teknika, ħin ta' preparazzjoni u ċikli produttivi li jinkludu l-*phase-in* jew l-*phase-out* ta' magni jew disinji ta' vetturi u aġġornamenti programmati ta' kompjuters, safejn is-sistema OBD li tirriżulta ser tkun effettiva fit-tħaris tar-rekwiżiti ta' din id-direttiva u li l-fabbrikant wera livelli aċċettabbli ta' sforz lejn konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.
- 4.2.1. L-awtorità ma taċċetta ebda talba dwar nuqqas li tinkludi n-nuqqas komplet ta' monitoraġġ djanjostiku rikjest.
- 4.2.2. L-awtorità ma taċċetta ebda talba dwar nuqqas li ma tirrispettax il-limiti OBD fis-Sezzjoni 3.3.2.
- 4.3. Matul l-istabilizzazzjoni ta' l-ordni identifikata ta' nuqqasijiet, in-nuqqasijiet marbuta mas-sezzjonijiet 3.3.3.1, 3.3.3.2 u 3.3.3.3 ta' dan l-Anness għal magni *positive ignition* u s-sezzjonijiet 3.3.4.1, 3.3.4.2 u 3.3.4.3 ta' dan l-Anness għal magni b'*compression ignition* għandhom jiġu identifikati l-ewwel.
- 4.4. Qabel jew matul il-ħin ta' approvazzjoni tat-tip, ebda nuqqas ma jingħata fir-rigward tar-rekwiżiti tas-Sezzjoni 6.5, ħliet is-Sezzjoni 6.5.3.4, ta' l-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness.
- 4.5. *Perijodu ta' nuqqas*
- 4.5.1. Nuqqas jista' jinżamm għal perijodu ta' sentejn wara d-data ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura kemm-il darba jista' jiġi ppruvat b'mod xieraq li tibdil sostanzjali fil-*hardware* tal-vettura u ħin addizzjonali ta' preparazzjoni lil hinn minn sentejn jkunu jinħtieġu biex issewew n-nuqqas. F'każ bħal dan, in-nuqqas jista' jinżamm għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin.

- 4.5.2. Fabbrikant jista' jitlob lill-awtorità ta' l-approvazzjoni oriġinali tat-tip biex tagħti nuqqas b'lura meta jinstab xi nuqqas wara l-approvazzjoni oriġinali tat-tip. F'dan il-każ, in-nuqqas jista' jinżamm għal perijodu ta' sentejn wara d-data ta' notifika lill-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip kemm-il darba jista' jiġi ppruvat b'mod xieraq li tibdil sostanzjali fil-*hardware* tal-vettura u ħin addizzjonali ta' preparazzjoni lil hinn minn sentejn jkunu jinħtieġu biex issewwi n-nuqqas. F'każ bħal dan, in-nuqqas jista' jinżamm għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin.
- 4.6. L-awtorità għandha tavża bid-deċizzjoni tagħha li tilqa' talba ta' nuqqas lill-awtoritajiet kollha fi Stati Membri oħra skond ir-rekwiżiti ta' Artikolu 4 tad-Direttiva 70/156/KEE."

13. Appendiċi 1 huwa emendat kif ġej:

- (a) It-tielet paragrafu tas-Sezzjoni 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Meta l-vettura tiġi ttestjata bil-komponent jew mezz difettuż, is-sistema OBD tiġi approvata jekk l-M<sub>1</sub> ikun attiv. Is-sistema OBD tiġi wkoll approvata jekk l-M<sub>1</sub> huwa attiv taħt il-limiti ta' l-OBD."

- (b) Is-Sezzjoni 2.1, it-tieni paragrafu, hija mibdula b'dan li ġej:

"— precondizzjonament tal-vettura b'difett simulat fuq precondizzjonament speċifikat fis-Sezzjoni 6.2.1 jew is-Sezzjoni 6.2.2."

- (c) Is-Sezzjoni 6.3.1.5 hija mibdula b'dan li ġej:

"6.3.1.5. Qtuġh elettriku tal-mezz ta' kontroll tad-tindif evaporattiv (jekk imwaħħal). Għal dan il-mod speċifiku ta' nuqqas, it-test tip 1 m'għandux għalfejn isir."

- (d) It-tieni paragrafu tas-Sezzjoni 6.5.1.2 hija mibdula b'dan li ġej:

"Is-sinjali għandhom jiġu provvduti f'unitajiet standard ibbażati fuq il-karatteristiċi mogħtija f'6.5.3. Is-sinjali attwali għandhom jiġu identifikati b'mod ċar mill-valur tad-*default* jew s-sinjali *limp-home*."

- (e) Tiżdied s-sezzjoni 6.5.1.5 kif ġej:

"6.5.1.5. Mill-1 ta' Jannar 2003 għal tipi ġodda u mill-1 ta' Jannar 2005 għat-tipi kollha ta' vetturi dieħlin fis-servizz, in-numru ta' identifikazzjoni ta' kalibratura *tas-software* għandu jkun disponibbli permezz *tas-serial port* fuq il-*connector data link* standardizzat. In-numru ta' identifikazzjoni ta' kalibratura *tas-software* għandu jkun provdut f'format standardizzat."

- (f) Is-Sezzjonijiet 6.5.3.1 sa 6.5.3.6 huma mibdula b'dan li ġej:

"6.5.3.1. Wieheċ mill-livelli li ġejjin bir-restrizzjonijiet kif mogħtija għandu jintuża bħala *l-communications link* minn *on-board* għal *off board*:

ISO 9141-2 'Vetturi tat-triq - Sistemi Djanjostiċi - Rekwiżiti CARB għall-Iskambju ta' Informazzjoni Diġitali';

ISO FDIS 11519-4 'Vetturi tat-triq - Veloċità baxxa "*Serial Data Communication - Parti 4: Klassi B Data Communication Interface (SAE J 1850)*". Il-messaġġi marbuta ma l-emissjonijiet għandhom jużaw il-kontroll ċikliku ta' ridondanza u t-*three byte header*" u m'għandhomx jużaw l-*inter-byte seperation*" jew iċ-*checksums*".

ISO FDIS 14230 - Parti 4 'Vetturi tat-triq - Sistemi Djanjostiċi - Protokoll Kelma muftieħ 2000'.

ISO WD 15765-4 'Vetturi tat-triq - Sistemi Djanjostiċi Djanjostika fuq CAN - Parti 4: Rekwiżiti għal sistemi marbuta ma' l-emissjonijiet.'

- 6.5.3.2. L-attrezzatura tat-test u l-għodda tad-djanjosi meħtieġa biex tikkomunika mas-sistemi OBD għandhom jissoddisfaw jew jaqbz u l-ispeċifikazzjoni funzjonali mogħtija f'ISO DIS 1503 1-4 - datata Ġunju 1998 (SAE J1978 - datata Frar 1998).

- 6.5.3.3. It-tagħrif djanjostiku bażiku, (kif speċifikat f' 6.5.1) u l-informazzjoni ta' kontroll bi-direzzjonali għandhom ikunu pprovvduti billi jintużaw il-format u l-unitajiet imsemmija fl-ISO DIS 15031-5 - datat Ottubru 1998 (SAE J1979 - datat Settembru 1997) u għandhom ikunu disponibbli billi jintuża għodda djanjostika li tħares ir-rekwiżiti ta' ISO DIS 15031-4 - datat Ġunju 1998 (SAE J1978 - datat Frar 1998).

- 6.5.3.4. Meta jiġi reġistrat difett, il-fabbrikant għandu jidentifika d-difett billi juża kodiċi xieraq ta' difetti konsistenti ma' daww murija fis-Sezzjoni 6.3 ta' ISO DIS 15031-6 - datat Ottubru 1998 (SAE J2012 - datat Lulju 1996), marbut ma' 'Kodiċi ta' djanjosi tal-gwaj tas-sistema *Powertrain*' (P0 kodiċi ta' difetti). Jekk din it-tip ta' identifikazzjoni mhix possibbli, il-fabbrikant jista' juża kodiċi ta' djanjosi tal-gwaj skond is-Sezzjonijiet 5.3 u 5.6 ta' ISO DIS 15031-6 datat Ottubru 1998 (SAE J2012 - datat Lulju 1996) (P1 kodiċi ta' difetti). Il-kodiċi ta' difetti għandhom ikunu aċċessibbli b'apparat djanjostiku standardizzat konformi mad-dispożizzjonijiet ta' 6.5.3.2.

In-nota f'Sezzjoni 6.3 ta' ISO 15031-6 (SAE J2012 - datat Lulju 1996) li hemm immedjatament qabel il-lista ta' kodiċi ta' difetti fl-istess sezzjoni ma tapplikax.

- 6.5.3.5. L-*interface* ta' għaqda bejn il-vettura u t-tester djanjostiku għandha tkun standardizzata u għandha tħares ir-reqwiziti kollha ta' ISO DIS 15031-3 - datat Diċembru 1998 (SAE J1962 - data Frar 1998). Il-pożizzjoni ta' l-installazzjoni għandha tkun bla ħsara għall-ftehim ta' l-awtorità ta' approvazzjoni b'mod li tkun aċċessibbli faċilment għall-impjegati iżda protetta minn xi ħsara aċċidentali matul il-kondizzjonijiet normali ta' użu.

- 6.5.3.6. Il-fabbrikant għandu wkoll jagħmel aċċessibbli, fejn xieraq bi ħlas, it-tagħrif tekniku meħtieġ għat-tiswija jew iż-żamma ta' vetturi bil-mutur kemm-il darba dan it-tagħrif huwa kopert minn jedd ta' propjetà intellettuali jew jikkonsisti minn għarfien fuq is-sengħa sigriet u li huwa identifikat taħt forma xierqa; f'każ bħal dan, it-tagħrif tekniku meħtieġ m'għandux jinżamm b'mod mhux xieraq.

Għandha jedd għal tagħrif bħal dan kull persuna imqabba biex taħdem fis-servis jew tiswija kummerċjali, salvataġġ f'ġenb it-triq, ispezzjoni jew ittestjar ta' vetturi jew li tiffabbrika jew tbiegħ komponenti ta' tibdil jew twaħħil ta' wara, għodda djanjostika u apparat tat-testijiet."